# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 07/2014**

**SERGIO CIANTAR**

**Vs**

**STMicroelectronics (Malta) Ltd.**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2277 deciza mit-Tribunal Industrijali fit-12 ta' Marzu 2014, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"1. Introduzzjoni*

*Dan il-Kaz gie ntavolat permezz ta' Rikors maghmil mill-Avv. Robert Abela fis-6 ta' Luiju, 2009 f'isem Sergio Ciantar li allega li kien gie licenzjat illegalment minn mas-Socjetà STMicroelectronics (Malta) Ltd. Is-Socjetà intimata li kienet rappreentata mill-Avv. John Buttigieg cahdet dan. Inzammu sbatax-il seduta. Irid jinghad li min qed jaghti din id-Decijoni huwa t-tielet Chairman li qed jippresjedi dan il-kaz. L-ewwel Chairman kien ta r-*

*rizenja tieghu wara l-hmistax-il seduta, waqt li t-tieni Chairman astjeniet wara li kien konkluz il-kaz u qabel ma inghatat id-Decizjoni.*

*Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 minhabba in-numru ta' seduti kif ukoll id-differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-Kaz jinstama' u jinqata' fi zmien xahar preskritt fi-istess Kap.*

*2. Fatti tal-Kaz*

*Fil-15 ta' Mejju 2009 ir-Rikorrent kien infurmat permezz ta' ittra mis-Socjetà Intimata li din ma setghetx ikollha iktar il-fiducja fih necessarja biex hu ikompli jahdem b'dak il-livell etiku mehtieg minnha. Dana minhabba allegati ksur ta' dixxiplina u nsubordinazzjoni li gie mixli bihom fil-kors tal-impieg tieghu. L-allegati nuqqasijiet, li kienu in konnessjoni max-xoghol tar-Rikorrent bhala ufficjal fl-Purchasing Department, gew investigati minn ufficjali tas-Socjetà Intimata skond ir-regolamenti tal-Ftehim Kollettiv li sabuh hati u dan gie wkoll konfermat wara Appell li kien sar lid-Direttur Responsabbli. Ir-Rikorrent li ikkontesta l-akkuzi kollha baqa' isostni li ma kienx hati.*

*3. Konsiderazzjonijiet*

*Ic-Chairman odjern irid jaghmilha car li huwa ma ppresjeda fuq l-ebda laqgha, ma sama' l-ebda xhud u lanqas it-trattazzjonijiet finali tal-Avukati tal-partijiet peress Ii kien inghata l-inkarigu fis-27 ta' Frar 2014 wara l-astensjoni taO-Chairperson precedenti. Dan ifisser li ma kienx prezenti ghall-ezami tax-xhieda u konsegwentement lanqas sata' kieku kien necessarju jordna konfrontazzjoni bejn xhieda konfliggenti. Ic-Chairman odjern kellu ghaldaqstant quddiemu semplicement it-traskrizzjonijiet u dokumenti li gew prezentati waqt is-smiegh li ha 'li fuq minn erbgha snin u nofs biex jigi konkluz.*

*It-Tribunal jinnota li r-raguni moghtija ghall-licenzjament tar-Rikorrent hija bazikament il-fatt li s-Socjetà intimata kienet tilfet il-fiducja fir-Rikorrent wara allegati nuqqasijiet ta' dixxiplina fil-kors tal-hidma tieghu. Kienu nuqqasijiet ta' certa serjetà minhabba il-posizzioni delikata li kien jokkupa. Huwa allegat illi minhabba f'hekk l-istess Socjetà inkorriet spejjes kbar zejda peress li rrizulta li ordnijiet ta' materjal li kien responsabbli*

*ghalihom ir-Rikorrent irrizultaw hafna oghla minn dak li kien disponibbli. Dana kollu gie michud mir-Rikorrent. Irrizulta lit-Tribunal illi kien hemm fin-nofs kwistjoni ta' kredibbiltà.*

*Izda t-Tribunal ghandu quddiemu r-raguni li s-Socjetà Intimata tat ghat-tkeccija tar-Rikorrent. Din hija espressa b'mod car fl-ittra tat-tkeccija tal-15 ta' Mejju 2009 iffirmata mis-Sur Tonio Portughese, Human Resources Director tas-Socjetà Intimata, (Dok SC 1) li testwalment tghid: "As a result of this very serious breach of Company discipline and insubordination, the Company cannot continue to maintain the trust in you that is necessary to be able to conduct your work performance to the ethical standards requested by ST Malta". Dan ukoll gie konfermat mill-Avukat tas-Socjetà Intimata li fin-nota tal-osservazzjonijiet (pagna ta' qabel l-ahhar) ipprezentata fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2012 meta qal "Dan l-agir abbusiv jammonta ghal konflitt ta' interess fl-ezercizzju ta' purchasing officer tal-kumpanijja li ghalhekk bir-ragun kollu tilfet il-fiducja kollha fi-operat tar-rikorrent"*

*It-Tribunal ikkonsidra dak li tghid il-ligi dwar in-nuqqas ta' fiducja li jista' jwassal ghat-tkeccija ta' haddiem. L-Artikolu 36(14) tal-Kap 452 jelenka r-ragunijiet li ma jikkostitwixxux raguni tajba u bizzejjed biex dan jigi licenzjat. Jghid "Izda principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizejjed" fejn imbaghad isemmi numru ta' ragunijiet fosthom hemm is-sub inciz (b) li jghid testwalment "hlief fil-kaz ta' impjegat domestiku privat, illi l-impjegat ma jgawdix izjed il-fiducja tal-principal". Ghaldaqstant it-telf ta' fiducja mhix raguni tajba u suffiëjenti ghat tkeccija. Kienet x'kienet ir-raguni li wasslet ghat-telf ta' fiducja tar-Rikorrent din ma tistax tkun determinanti ghat-tkeccija tieghu.*

*4. Decizjoni*

*It-Tribunal Industrijali jidecidi illi il-licenzjament tar-Rikorrent Sergio Ciantar minn mas-Socjetà Intimata ST Microelectronics (Malta) Ltd kien ghal raguni specifikament projbita mil-ligi. Ghaldaqstant din ma kienitx raguni tajba u sufficjenti kif tispecifika l-ligi.*

*5. Kumpens*

*Wara li ra l-Artikolu 81(1) tal-Kap 452 it-Tribunal mhux se jordna ii r-Rikorrent jerga jidhol fi-impieg ii kellu. Izda t-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens li s-Socjetà Intimata ghandha thallas lir-Rikorrent fi-ammont ta' €20,000 ii ghandu jkun imhallas in kwantu ghal*

*€10,000 sa zmien xahar mid-data ta' din id-deOijoni u ir-rimanenti €10,000 sa zmien xaharejn mid-data ta' din id-decizjoni.*

*6. Drittijiet*
*Ai termini tal-Avviz Legali Numru 48 tal- 1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fi-ammont ta' €93 kull wiehed.*

*B'hekk jintemm dan il-kaz."*

Illi min din is-sentenza appellat is-socjeta STMicroelectronics bl-aggravju illi t-Tribunal erronjament iddecieda illi l-appellat gie imkecci ghar-raguni specifikatament ipprojbita mill-ligi u cioe' minhabba telf ta' fiducja fl-impjegat taghha u li ghalhekk it-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi. Dan ghaliex mill-atti probatorji johrog illi t-tkeccija ma saritx semplicement ghaliex il-principal tilef il-fiducja fl-impjegat tieghu, izda ghaliex l-appellat gab ruhu b'mod sleali fil-konfront tas-socjeta appellanti u naqas mid-doveri tieghu bhala *purchasing officer* u dana meta ma xtarax il-prodotti ta kimika ghall-istess socjeta bl-ahjar prezz fuq is-suq u skont istruzzjonijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu u minflok ghamel kuntatt dirett mal-fornitur tas-socjeta appellanti u dan sabiex jagevola lill-istess fornitur. Illi ukoll l-istess appellat kien qed ighaddi informazzjoni kunfidenzjali u interna lis-socjeta Dynamed u cioe lill-fornitur taghha. Illi ghalhekk ir-raguni ghat-tkeccija kienet wahda ta' ksur serju ta' dixxiplina tal-kumpanija u insubordinazzjoni u li ma zammx l-*istandard* ta' etika professjonali rikjest fuq il-post tax-xoghol okkupat minnu billi agixxa fl-interess tal-fornitur u mhux fl-interess tal-kumpanija. Illi t-Tribunal ghalhekk ma dahalx biex ezamina l-provi u waqaf fuq il-kliem adoperat fil-"*letter of dismissal*" dwar it-telf tal-fiducja tas-socjeta appellanti fl-impjegat taghha u iddecieda li din kienet l-unika raguni ghat-terminazzjoni.

Illi *in subsidium*, is-socjeta appellanti tressaq ilment ukoll dwar il-*quantum* tad-danni likwidati mit-Tribunal fl-ammont ta' €20000 billi qieset illi dawn kienu ezorbitanti u minghajr ebda motivazzjoni.

Fil-kontestazzjoni ta' dan l-aggravju l-appellat Sergio Ciantar iwieġeb billi jissolleva l-pregudizzjali dwar l-inappellabilita tas-sentenza impunjata stante illi ma hemm ebda punt ta' dritt attakkat fl-impunjattiva sollevata.

Huwa certament fl-ordni logiku-guridiku illi din il-Qorti tinvesti *in primis* il-pregudizzjali sollevata mill-appellat dwar l-inappellabilita` tad-decizjoni billi din jista' ikollu effett fuq l-ezitu ta' dan il-gudizzju revizorju.

Illi qabel xejn  jibda biex jigi registrat illi r-ricerka li kellu jaghmel it-Tribunal f'dan il-kaz kellha twasslu biex jiddetermina jekk it-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellat kenitx wahda gustifikata jew minghajr raguni tajba u bizzejjed. Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu izda, minghajr ma dahal fil-mertu tal-fattispecje tal-kaz, dehrlu illi ir-raguni indikata fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg u cioe' illi l-impjieg kien qed jigi terminat minhabba illi l-impjegat ma baqax igawdi il-fiducja tal-principal taghha ma kenitx raguni tajba u bizzejjed ghal-tkeccija u dan in linja ma' dak dispost fl-artikolu 13(14)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

*"Skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kontemplati f' dik id-disposizzjoni "fuq punt ta' ligi". Ghandu jigi rilevat illi in linea generali ma hemmx bzonn li dan il-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per ezempju fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356), il-ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dan ma*

*tghidux. Huwa sufficcjenti ghalhekk li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew impliciter fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara f' dan is-sens is-sentenza riportata a Vol. XL P I p 137;*

Premess il-kontenut ta' l-aggravju u tat-twegiba ghalih, jinghad bl-ewwel osservazzjoni illi gja f'bosta sentenzi taghha din il-Qorti rravvizat illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' principju ta' dritt. Mhux bizzejjed li l-appellant jissottometti li t-Tribunal m'ghamelx stharrig adegwat tal-kawza tat-tkeccija izda l-aggravju tieghu ghandu jippostula sew l-punt tal-ligi li hu jidhirlu li gie mal-interpretat jew applikat hazin fir-rigward tal-fattispeci u ta' l-elementi tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu[1].

Issa l-impunjattiva tas-socjeta appellanti ghad-decizjoni appellata tirrientra sew f'applikazzjoni zbaljata ta' punt ta'dritt u cioe' tal-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal ta'l-artikolu 13(14)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta billi tilmenta illi t-Tribunal malalment qies illi l-kawza ghat-tkeccija kienet it-telf ta' fiducja fl-impjegat taghha kif ravvizat fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, izda kif indikat ukoll fl-ittra tat-temm ta'l-impjieg tal-15 ta' Mejju 2009 dik il-kawza kienet wahda ta' "***serious breach of Company discipline and insubordination"*** tant illi qieset li l-impjegat ma kienx qed jimxi b'mod etiku professjonalment. In mertu ghall-kuncett tal-kawza gusta ghar-rizoluzzjoni tar-rapport tax-xoghol din il-Qorti kif diversament ippresjeduta esprimiet ruhha bil-mod illustrat hawn taht:-

---

[1]Ara, fost ohrajn, "**Kenneth Vella -vs- Seabank Catering Co. Ltd *et***", Appell Inferjuri, 23 ta' Mejju, 2008

**"Il-kuncett "hu ravvizat f'dawk il-fatti u komportamenti li jwasslu ghat-telf ta' fiducja in kwantu din tikkostitwixxi l-presuppost essenzjali ta' rapport bhal dan. Il-kawza gusta trid allura tirrivesti l-karattru ta' nuqqasijiet gravi f'dan l-istess rapport. Il-valutazzjoni dwarha trid tigi operata b'riferiment ghall-aspetti konkreti tal-kaz, il-portata soggettiva u oggettiva tal-fatt innifsu, il-motiv ta' l-element intenzjonali u kull aspett iehor korrelatat ma' l-elementi tar-rapport" ("Anthony Pullicino -vs- Devlands Ltd", 28 ta' Frar, 2008);"Ian Xuereb vs maltapost – deciza 06/06/2009**

Issa fil-kaz prezenti t-Tribunal Industrijali kien affrontat minn kontroversja li kellha b'oggett taghha l-licenzjament ta' l-appellat mill-impjieg ghall-motivi multipli dedotti fl-ittra tal-kumpanija tal-15 ta' Mejju 2009 (ara Dokument SC1) Tant illi ghalhekk dan wassal sabiex il-kumpanija tillfet il-fiducja taghha fl-impjegat appellat. Illi ghalhekk dak li kellu jaghmel it-Tribunal huwa kif espost bl-iktar mod car minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta meta gie superjorment illustrat illi:

**"Irid jinghad fil-hsieb tal-Qorti illi dawn l-akkuzi kienu jimportaw da parti tat-Tribunal stharrig dwar jekk l-appellat-impjegat ikkonduciex, o meno, il-prestazzjonijiet lavorattivi tieghu bid-dovuta diligenza skond il-mudell ta' dak il-*bonus paterfamilias* traccjat fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili applikabbli ghall-kuntratti in generali. .... Akkoppjat ma' dan, l-istess Tribunal kellu wkoll jevalwa, u jipprovdi raguni, dwar jekk l-appellat, kif hekk lilu kontez mill-kumpanija, osservax jew le, id-direttivi lilu impartiti u jekk f'dak l-agir tieghu kienx hati ta' insubbordinazzjoni ghal fatt ta' xi rifjut minnu li jezegwixxi korrettement id-disposizzjonijiet lilu moghtija. Fi kliem iehor ghas-sostenn tar-*ratio decidendi* tieghu t-Tribunal kellu jassigura, b'motivazzjonijiet adegwati fil-parti razzjonali tas-sentenza, illi l-appellat ma vvjola ebda dmir jew li, almenu, l-addebiti konfrontati lilu ma kienux tali li jintegraw l-estrem ta' dak l-inadempiment kontrattwali li jgib telf ta' fiducja b'mod li jista' jitqies bhala motiv gustifikat tat-terminazzjoni ta' l-impjieg;[2]"**

[2] Saliba Joseph vs Imperial Hotel App. Inf 11/12/2009

Bir-rispett dovut, fuq l-ezami minn din il-Qorti tas-sentenza impunjata, ma jidhirx li t-Tribunal adit ghamel b'xi mod dan l-ezercizzju appena traccjat. Huwa illimita ruhu biex strah fuq l-ittra tat-terminazzjoni ta'l-impjieg u il-kliem adoperat fl-istess dwar it-telfien tal-fiducja u waqaf hemm. Dan ifisser allura illi t-Tribunal naqas milli jinvesti ruhu fil-kawza vera ghat-tkeccija u jekk l-istess kenitx wahda gustifikata o meno skont il-ligi. Dan wassal sabiex s-sentenza pronunzjata ma kenitx arginata fuq il-provi li kienu jinsabu fl-atti *"b'mod li l-affermazzjonijiet li jsiru fil-parti konsiderativa taghha jirriflettu tabilhaqq ir-rejalta processwali u r-rizultanzi istruttorji ghaliex jekk ma jsirx dan ma tkunx qed issir vera gustizzja ma' xi parti u s-sentenza tista' ghaldaqstant titqies difettuza. Ara "***Salvatore Caruana -vs- Carmelo Magro***", Appell, 14 ta' Novembru, 1996.*

Illi ghalhekk l-appellanti ghandhom ragun billi it-Tribunal malament applika dak dispost fl-artikolu 36(14)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta billi r-raguni ghat-tkeccija tal-impjegat ma kenitx ibbazata fuq in-nuqqas ta' fiducja, izda fuq allegata imgieba skorretta tieghu.

**" ..... f'materja ta' rapporti tax-xoghol, id-diligenza ta' l-impjegat tikkostitwixxi f'dan ir-rapport dik il-kondotta integrativa primarja, kollegat ma' l-adempiment ta' l-obbligazzjoni. Tali dover tad-diligenza mqieghed a karigu ta' l-impjegat fl-ezekuzzjoni ta' hidmietu, hi specifikazzjoni tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet. S' intendi, bl-opportun adattament dettat minn natura tal-mansjoni affidata lill-impjegat;**

**Imqeghda f'dan il-kwadru, id-diligenza skond il-mudell tal-bonus paterfamilias tirrapprezenta kriterju oggettiv tal-valutazzjoni ta' l-adempiment mill-haddiem, u din id-diligenza titkejjel skond dawn iz-zewg indikaturi:- (1) L-ewwelnett, f'rapport mal-prestazzjoni dovuta. Dan fis-sens illi hu mistenni li l-impjegat jassikura illi l-mansjoni jew mansjonijiet jigu ezegwiti skond il-kwalita partikulari ta' l-attivita tieghu. Hekk,**

**allura, in bazi ghall-abilita teknika jew professjonali rikjesta fl-espletament tal-mansjoni u l-osservanza ta' kull imgieba accessorja (ubbidjenza, fedelta) u dik tal-kawteli necessarji ghal fini tal-korrettezza professjonali; (2) Fit-tieni lok, u akkoppjat ma' ta' l-ewwel, il-kriterju ta' l-interessi tal-kumpanija li thaddmu. Jigifieri, li jkun assikurat illi x-xoghol ezegwit ikun sew korrelat ma' l-ezigenzi partikulari tal-principal; (Vella vs Seabank Hotel )**

Dan ghaliex :

**"Hi disposizzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi principal jista' jillicenzja impjegat tieghu ghal "raguni tajba u bizzejjed" u dan bla htiega ta' preavviz u minghajr obbligu ta' hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguni valida. Naturalment, ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li, una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija, lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f' forma ta' kumpens. Indubbjament, "ir-raguni tajba u bizzejjed" li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta' l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta' impjieg. Ragonevolment, imbaghad, l-accertament ta' dawk l-elementi ta' fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta' l-espressjoni suddetta hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta' revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici. Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b' riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport." (Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited Appell Inferjuri deciza 30/04/2008.)**

Arginati ghalhekk l-aggravvji imressqa mill-appellanti f'dan l-insenjament guridiku u legali, huwa bil-wisq evidenti illi d-decizjoni hija nulla ghaliex imsejsa fuq il-bazi tat-tkeccija li ma kenitx konformi la mal-ittra tat-tkeccija u lanqas ma'l-istruttorja billi naqqset milli tindirizza ir-raguni rejali tat-tkeccija

fid-dawl ta'l-oggezzjonijiet kemm ta' natura fattwali kif ukoll legali sollevati mill-impjegat appellat.

Innegabilment allura l-lezjoni tal-principju tal-lealta` u tal-komportament korrett jirrientra certament f'ragunijiet li jistghu iwasslu lill-principal sabiex jittermina l-impjieg ta'l-impjegat tieghu u kienet din l-allegata lezjoni li kellu jinvesti it-Tribunal billi kienet l-istess mottiv indikata ghat-terminazzjoni tal-impjieg u mhux il-konsegwenzjali telfien ta' fiducja wahedha.
Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex dan jiddeciedi l-kawza skont il-ligi u fid-dawl tal-konsiderandi maghmula f'din id-decizjoni. Fic-cirkustanzi huwa xieraq li l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur